**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Dylan Agius**
**Shawn Farrugia**
**Leon Zammit**

**Kumpilazzjoni Numru 521/2016**

**Illum 11 ta' Novembru 206**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Dylan Agius** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 286398 (M), **Shawn Farrugia** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 382698 (M) u **Leon Zammit** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 131901(L) billi huma akkuzati:

Lil Leon Zammit u Dylan Agius:

Talli f'xi hin wara nofsinhar tal-20 ta' Mejju 2016 minn gewwa l-istabilimenti Debenhams u New Look sitwati gewwa The Point shopping mall, Sliema:

Ikkommettew serq ta' hwejjeg, ghad-detriment ta' Debenhams u New Look u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u liema serq mhux ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94);

Lil Shawn Farrugia wahdu:

Talli f'xi hin wara nofsinhar tal-20 ta' Mejju 2016 minn gewwa l-istabilimenti Pull and Bear sitwat gewwa The Point shopping mall, Sliema:

Ikkommetta serq ta' hwejjeg, ghad-detriment ta' Pull and Bear u/jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravat bil-mezz u liema serq mhux ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (232.94);

Lil Dylan Agius wahdu:

Talli nhar l-20 ta' Mejju 2016 kiser il-provediment tal-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenza datata 25 ta' Settembru 2016 mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u rrikofermaw tali ammissjoni wara li l-Qorti tathom zmien ragonevoli sabiex jirrikunsidraw l-istess.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Ikkunsidrat

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reat addebitat lill-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom, l-eta' tenera taghhom u l-fedina penali taghhom. Il-Qorti tat kaz ukoll li kien hemm qbil bejn il-prosekuzzjoni u difiza dwar il-piena idonea fic-cirkostanzi tal-kaz.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti issib lill-imputati hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-ħatja bil-konsegwenzi skont il-Liġi jekk huwa jikkommetti reat ieħor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Maġistrat**